32003D0663

25.9.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 239/1

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru 2003/663/PESK

## ta' l-10 ta' Diċembru 2002

## li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea ul-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, l-Islanda, il-Latvja, il-Litwanja, in-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, l-Islovenja, l-Isvizzera, it-Turkija u l-Ukrajna dwar il-parteċipazzjoni ta' dawn l-Istati fil-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnia u Ħerzegovina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Marzu 2002, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea ([1]).

(2) L-Artikolu 8(3) ta' din l-Azzjoni Konġunta jistabbilixxi li arranġamenti dettaljati rigward il-parteċipazzjoni ta' l-Istati terzi fl-EUPM huma soġġetti għall-ftehim skond l-Artikolu 24 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea.

(3) Skond id-deċiżjoni tal-Kunsill ta'l-14 t'Ottubru 2002 li jawtorizza lil Presidenza li tiftaħ in-negozjati, il-Presidenza nnegozjat ftehim mal-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, l-Islanda, il-Latvja, il-Lituwanja, in-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, l-Islovenja, l-Isvizzera, it-Turkija u l-Ukrajna fil-parteċipazzjoni tagħhom fl-EUPM.

(4) Dawn il-ftehim għandhom jiġu approvati,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, l-Islanda, il-Latvja, il-Lituwanja, in-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, l-Islovenja, l-Isvezja, it-Turkija u l-Ukrajna dwar il-parteċipazzjoni ta' dawn l-Istati fil-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni EwropeaBosnja u l-Ħerzegovina huma permezz ta' din id-Deċiżjoni approvati min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea.

It-testi ta' dawn il-ftehim jinsabu mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa permezz ta' din id-Deċiżjoni awtorizzat li jinnomina l-persuna/i bil-poter li tiffirma l-Ftehim sabiex torbot l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. S. MØLLER

([1]) ĠU L 70, tat-13.3.2002, p. 1.